



*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
Il-President*

25.2.2021

Is-Sur Johan Van Overtveldt
Il-President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-linji gwida Ġenerali għat-tħejjija tal-Baġit 2022, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2020/2265(BUI))

Is-Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar 2021, il-kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Frar 2021. Matul dik il-laqgħa¹, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

L-ewwel nett, il-membri tal-kumitat jixtiequ jfakkru li fi żminijiet ta' sfidi ekonomiċi, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u soċjali bla preċedent maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, il-baġit annwali tal-Unjoni jikkostitwixxi pilastru importanti tar-rispons tal-UE għall-ħsara kkawżata mill-virus. Il-baġit annwali tal-UE għall-2022 irid ikun kemm ambizzjuż kif ukoll solidu biex jiżgura li l-programmi tal-Unjoni jkunu jistgħu jaħdmu bħala stimolu ekonomiku effettiv.

Huma jissottolinjaw ukoll l-importanza li l-baġit tal-UE jingħata spinta mill-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u jisħqu li jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jirratifikaw id-

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Antonio Tajani (President u rapporteur għal opinjoni), Gabriele Bischoff (Viċi President), Charles Goerens (Viċi President), Giuliano Pisapia (Viċi President), Gerolf Annemans, Damian Boeselager, Geert Bourgeois, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, João Ferreira (minflok Leila Chaibi), Daniel Freund, Esteban González Pons, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, László Trócsányi, Mihai Tudose, Guy Verhofstadt, Loránt Vincze, u Rainer Wieland.

Deċiżjoni l-għdida dwar ir-Riżorsi Propriji. Huma jiġbdu l-attenzjoni wkoll għall-ħtieġa li titkompla l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi propriji ġodda, bil-għan li jiġi żgurat li r-riżorsi propriji l-ġodda jkopru mill-anqas in-nefqa relatata mal-ħlas lura tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru.

Il-membri tal-kumitat jisħqu li l-baġit tal-Unjoni għall-2022 irid ikun ukoll biżżejjed biex jiffinanzja l-eżerċizzju tal-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni mit-Trattati, ikun iffokat fuq l-interess komuni Ewropew u jrid jippermetti lill-Unjoni tagħti r-riżultati li huma importanti għaċ-ċittadini Ewropej.

Komunikazzjoni u konsultazzjoni effettivi ma' ċittadini madwar l-Ewropa kollha għandhom ikunu fost l-ogħla prijoritajiet tal-baġit sabiex jiġi żgurat involviment mifruż, attiv u effikaċi taċ-ċittadini. B'mod partikolari, l-Baġit 2022 għandu jkollu r-riżorsi meħtieġa għall-iżvolġiment tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Dawn ir-riżorsi għandhom ikunu proporzjonati mal-għanijiet tal-Konferenza, hekk kif stabbilit fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa², inkluż l-organizzazzjoni ta' agoras tematiċi taċ-ċittadini Ewropej u agoras taż-Żgħażaġħ matul il-proċess kollu.

Il-membri tal-kumitat jissottolinjaw il-ħtieġa għal finanzjament adegwat tal-programmi, l-attivitajiet u l-inizjattivi tal-Unjoni li huma essenzjali biex jiġu intensifikati l-proċessi tad-demokrazija parteċipattiva fl-UE, il-bini tal-fiduċja taċ-ċittadini u t-titjib tal-fehim tagħhom tal-politiki tal-UE kif ukoll l-iżvilupp u l-promozzjoni taċ-Ċittadinanza Ewropea, b'mod partikolari l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri.

Jeħtieġ ukoll li jiġu żgurati livelli xierqa ta' finanzjament għall-istrutturi fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li huma responsabbli għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini u l-għieda kontra d-diżinformazzjoni bħal, fost l-oħrajn, ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u s-Segretarjat futur tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, il-membri tal-kumitat ifakkru fil-ħtieġa li jiġu allokatu fondi adegwati għas-servizzi ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jippromwovu l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza kif ukoll li jinfurmaw liċ-ċittadini dwar l-attivitajiet u l-politiki tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għal sensibilizzazzjoni aħjar u għall-għieda kontra d-diżinformazzjoni fl-Istati Membri u online.

Ninsab fiduċjuż li l-Kumitat għall-Baġits ser iqis dawn is-suġġerimenti meta jħejji l-linji gwida għall-Baġit 2022.

Dejjem tiegħek,

Antonio Tajani

² Testi adottati: P9_TA(2020)0010 u P9_TA(2020)0153